MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2007

Numru 111/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**BRIAN MUSCAT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Brian Muscat, ta’ 41 sena, bin Daniel u Carmen nee’ Moore, imwieled Pieta’ nhar it-30.01.1966 u residenti Blokk no. 11, flat no. 14, Triq John Pace, Bormla, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 58266(M) gie akkuzat:

Talli gewwa Bormla f'xi hin bejn il-5:30 pm tat-12 ta' Jannar 2007 u in-00:30 am tat-13 ta' Jannar 2007, ikkommetta serq ta' flus, mobile phone u oggetti minn fond no. 10 Triq San Gwann, Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-"valur" li jaccedi Lm100 izda anqas minn Lm1000, kif ukoll bil-"mezz" u bil-"lok" u li dan sar ghad-dannu ta' Elizabeth Caruana u/jew persuni ohra;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmi fond, liema hsara taccedi Lm50 izda li ma taccediex Lm500 u dan sar ghad-dannu ta' Elizabeth Caruana u/jew persuni ohra;

Ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 3 ta' Lulju 1998 mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali ippresentat bhala Dok AP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 261(b), (c) u (e), 263, 267, 269, 279(a), 280(2), 281(a), 325(b), 49, 50, 289, 17(b) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Brian Muscat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Brian Muscat ghall-piena komplessiva ta' sena u tlett (3) xhur prigunerija.

Finalment il-Qorti tordna li mill-piena karcerarja imposta b'din is-Sentenza fil-konfront tal-imputat Brian Muscat ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv rigward dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------